**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 772/2015

Numru fuq il-Lista: 12

**3 A Malta Limited** (C41217)

**vs.**

**Rookies Catering Limited** (C43679)

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta tas-somma ta' elfejn, tmien mija u ħdax-il ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€2811.74), rappreżentanti servizzi professjonali li ġew reżi mis-soċjeta′ attriċi lis-soċjeta` konvenuta fuq inkarigu tagħha;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, is-soċjeta` konvenuta ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma elfejn, tmien mija u ħdax-il ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€2811.74), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur